Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

ŻEBBUĠ

# Minuti tal-Laqgħa tas-6/07/2010

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, is-6 ta' Lulju 2010**

**Ħin: Fit-8.15 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joe Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## IL-MUSICAL 'GĦERUQNA'

Il-Kunsillier Refalo qal wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, kien ċempillu tal-Power Sound u qallu li hu kien li oġġezzjona biex ma jingħatalux ix-xogħol. Refalo qal dan mhux minnu, hu li talab biex tkun magħrufa l-ispiża biex jerġa' jittella' l-Musical u li sa fejn jaf hu, dawn il-kwotazzjonijiet kien għadhom ma ngħatawx.

Is-Sindku qal dwar l-offerta li għandna niddiskutu f' din il-laqgħa, ġie avviċinat darbtejn u kien anke mhedded.

Dwar 'Għeruqna' fiż-Żebbuġ, is-Sindku qal bħala spejjeż hemm:

id-Direttur (€700), sistema ta' dawl, is-*sound* u l-i*screen* għall-*main performance* (€12,980), il-PA System għar-*rehearsals* (€2,300), il-kantanti Georgina u J' Anvil (€450 kull wieħed u l-biljetti tal-vapur), il-*make up*, il-koreografija, *fireworks* (€600), l-użu ta' żiemel, il-*lodging* għad-Direttur fil-lukanda Calypso, il-fotografu u tal-*video*, l-armar, il-kiri ta' garaxx ta' Tereża Cefai u xi *props* żgħar oħra. Is-Sindku qal l-ispiża totali m' għandhiex taqbeż €23,245. Is-Sindku qal m' għandi l-ebda intenzjoni li nżid l-ispiża u f' każ li tkun ser tinqabeż iċ-ċifra, hu kien ser isejjaħ laqgħa.

Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

Id-Deputat Sindku staqsa jekk kienx ser ikun hemm xi għajnuna minn xi Ministeru. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

Is-Sindku ressaq għall-vot jekk il-Musical 'Għeruqna' għandux jittella' fiż-Żebbuġ.

Favur – is-Sindku, id-Deputat Sindku u l-Kunsilliera Debono u Refalo (b' Refalo jinsisti li jekk ikunu ser jinbidlu xi prezzijiet, għandha tissejjaħ laqgħa).
Kontra – Ħadd.
Astensjonijiet – il-Kunsillier Camilleri (mhux ser jivvota bl-affarijiet fl-arja u bla kitba ta' xejn mill-parteċipanti).

Il-vot għadda.

Il-Kunsill għażel il-kwotazzjonijiet sottomessa minn Power Sound fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur tal-Musical.

Kien miftiehem li għall-Musical jintbagħtu inviti lill-President ta' Malta, il-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni, il-ħames membri parlamentari Għawdxin, l-Onor. Stefan Buontempo u l-Aġent President.

## SEJĦA GĦALL-OFFERTI

### ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' TOROQ LI JAGĦTU AĊĊESS U OĦRAJN LI JAGĦTU AĊĊESS BISS U TOROQ PEDONALI

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-ġurnata ta' qabel ċempillu wieħed mill-offerenti fejn insinwa li l-affarijiet ma kienux qed isiru sewwa. Qal ser jirriserva d-dritt li jieħu passi fil-konfront ta' dan l-offerent.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit dwar il-ħames offerti mitfugħa.

Fid-dawl li l-Perit ma wasalx għal konklużjoni dwar din is-sejħa, is-Sindku ppropona li jintalab il-parir legali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Id-Deput Sindku qal il-Perit għandu jirrikunsidra l-konklużjoni tiegħu u jagħmel bħal ma għamel fil-passat. Qablu miegħu l-Kunsilliera Camilleri, Debono u Refalo.

Is-Sindku ssospenda l-laqgħa għal għaxar minuti meta wieħed mill-offerenti Joseph Magro li kien preżenti għall-laqgħa għamel xi storbju u tellef ix-xogħol tal-laqgħa.

Meta s-Sindku rritorna biex ikompli bil-laqgħa, il-*quorum* kien intilef.

Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tnejn 12 ta' Lulju 2010 fit-8.15 ta' filgħodu.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**